MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 32/2005

**Bitmac Limited (C249)**

**vs**

**C.J.P. Tarmac Limited (C19527)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta’ Jannar tas-sena 2005 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-attrici s-somma ta’ tlett elef hames mija u erbgha u tmenin Lira Maltin u hames centezmi, (LM3,584.05,0), rapprezentanti bilanc ta’ prezz

ta' "hot asphalt" mibjugh u konsenjat lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 13 ta' Ottubru tas-sena 2004 u tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat, kif ukoll l-imghax legali fil-konfront tas-socjeta' konvenuta, rapprezentanti ta' liema huma wkoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-8 ta' Marzu tas-sena 2005 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi t-"tarmac" provdut mis-socjeta' attrici ma kienx tajjeb ghall-iskop intiz, u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Lulju tas-sena 2005 li permezz tieghu hatret lill-Perit Godwin Abela bhala perit tekniku, u dan, bi qbil bejn il-partijiet;

Ezaminat ir-relazzjoni peritali datata t-8 ta' Marzu tas-sena 2006;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata l-14 ta' Marzu tas-sena 2006 li permezz taghha nfurmat lill-qorti li hassitha aggravata bir-relazzjoni peritali u konsegwentement talbet il-hatra ta' periti addizjonali;

Rat ir-rikors ta' l-espert tekniku fuq indikat datat it-28 ta' Marzu tas-sena 2006 fejn, ghar-raguni hemm esposta, talab li jinghata l-fakolta' li jaghmel testijiet agguntivi necessarji u relazzjini addizjonali sabiex tigi korretta l-ewwel relazzjoni tieghu;

Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' April tas-sena 2006 fejn awtorizzat lill-espert tekniku rikorrent jipprocedi bl-analizi ulterjuri tieghu rikjesta;

Rat ir-relazzjoni addizzjonali ta’ l-istess espert tekniku fuq indikat datata 1 ta’ Novembru tas-sena 2006;

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta datata t-2 ta’ Novembru tas-sena 2006 li permezz taghha talbet in-nomina ta’ periti addizzjonali;

Rat il-verbal datat l-20 ta’ Gunju tas-sena 2007 li permezz tieghu r-rapprezentanti legali tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li kienu qed jawtorizzawha tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li hemm;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti l-ohra kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi a bazi tal-verbal kongunt tar-rapprezentanti legali tal-partijiet li permezz tieghu awtorizzaw lill-qorti biex tghaddi ghall-fazi konklussiva ta’ din il-procedura, il-partijiet qed jitqiesu li logikament awtomatikament irrinunzjaw ghat-talbiet rispettivi taghhom li jinhatru periti addizzjonali;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici indikat fl-avviz promotur hu wiehed bilancjali formanti parti minn somma akbar gia’ debitament imhallsa lilha mis-socjeta’ konvenuta, (ara wkoll fol 140;

2. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici hu dovut ghall-kwantita’ ta’ “hot mixed asphalt”, ossia, “tarmac”, li s-socjeta’ konvenuta kienet kostretta tixtri minghand is-socjeta’ attrici meta l-impjant taghha kien sofra xi hsarat;

3. Illi t-tip ta' "tarmac" ordnat mis-socjeta' konvenuta u supplit lilha mis-socjeta' attrici jirrizulta li hu maghruf bhala dak tat-tip 'combined base wearing";

4. Illi jirrizulta li ma' l-istess konsenji s-socjeta' attrici ghaddiet ukoll lis-socjeta' konvenuta diversi kampjuni tal-materjal fornit sabiex minn naha taghha l-istess socjeta' konvenuta tkun tista' tissottomettihom mal-kont li tissottometti lill-klijent taghha meta tigi biex tithallas;

5. Illi l-ezamijiet teknici maghmula fuq il-kampjuni tal-fornitura tal-materjal supplit irrizultaw tajbin;

6. Illi s-socjeta' attrici hi infurmata li l-klijenti tas-socjeta' konvenuta li ikkontrattawha u wzaw it'"tarmac" in dizamina kienet sodisfatta bil-materjal supplit u wzat, u effettivament anke hallset l-ammonti kollha minnha dovuti lis-socjeta' konvenuta, (ara fol 11);

7. Illi s-socjeta' attrici ma kinitx involuta fit-tqeghid tal-materjal minnha mixtri;

8. Illi effettivament is-socjeta' konvenuta kienet indebitament zammet ammont ekwivalenti ghal hamsa (5) fil-mija fil-pussess taghha, liema ammont hu ekwivalenti ghal dak mitlub mis-socjeta' attrivi fl-avviz odjern;

9. Illi eventwalment zviluppaw xi problemi fil-post fejn kien gie mqieghed it-"tarmac" in dizamina u kien konkluz minn min kien dovut li l-istat tat-triq fejn kien tpogga dan it-"tarmac" partikolari ma kienx accettabbli;

10. Illi nonostante dan, ezamijiet teknici ulterjuri kkonfermaw l-ewwel ezamijiet li kienu saru stante li rrizulta li dan il-materjal kien tajjeb u idoneu;

11. Illi jirrizulta li l-hsara riskontrata fit-triq fejn tqieghed it-"tarmac" de quo kienet dik li jitla' l-qatran fil-wicc;

12. Illi kif isostni l-istess rapprezentant tas-socjeta’ attrici, it-“tarmac” in dizamina hu wiehed intiz ghall-uzu partikolari senjatament biex fuqu jkunu jistghu jghaddu persuni u vetturi tip ta’ karozzi normali – izda mhux trakkijiet jew vetturi ohra itqal;

13. Illi ghar-ragunijiet indikati mill-istess espert tekniku fir-relazzjoni addizzjonali tieghu, l-ewwel relazzjoni qed tigi skartata;

14. Illi skond l-istess espert tekniku, mill-ezamijiet ulterjuri kondotti jirrizulta li :

“ … il-materjal supplit mis-socjeta’ attrici jaqa’ fil-medja kif specifikata fl-Ispecifications For Roads Works, kif ukoll fl-ASTM Standards u ghaldaqstant huwa kien materjal idoneu ghax-xoghlijiet fit-toroq in kwistjoni”, (ara fol 43);
Illi ovvjament, din il-qorti m’ghandha xejn x’ticcensura fir-rigward u ghalhekk filwaqt li taghmel taghha l-konkluzjoni ta’ l-espert tekniku minnha nominat, tiehu wkoll l-opportunita’ biex tesprimi l-kompjaciment taghha fir-rigward ta’ l-iskrupolozita’, l-ghaqal u t-tenacita’ murija kemm mill-espert tekniku nominat kif ukoll mill-persuna responsabbli ghall-ezamijiet teknici nvoluti li b’umilta’, baqghu jippersistu fit-tfittxija ghall-verita’;

Illi finalment tirrileva li s-socjeta’ konvenuta ghazlet li ma tipproduci l-ebda prova;

Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji t-talbiet attrici, tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u konsegwentement:

1. Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta C.J.P. Tarmac Limited, (C 19527), debitrici fl-ammont ta’ tlett elef, hames mija u erba’ u tmenin Lira Maltin u hames centezmi, (LM3,584.05,0), fil-konfront tas-socjeta’ attrici Bitmac Limited, (C 249);

2. Tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta fuq indikata biex thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta’ attrici hemm ukoll indikata, bl-ispejjez kif mitluba skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------